PAĠNA VOJTA



# EŻAMI GĦALL-INGAĠĠ TA' SULDATI FIL-FORZI ARMATI TA' MALTA

EXAMINATIONS
20 FEB 2018
DEPARTMENT

IL-MALTI

ĦIN: SIEGĦA

**Struzzjonijiet lill-kandidati**

- **Dan l-eżami jikkonsisti minn TLIET taqsimiet: A, B u Ċ. Aqra sew kull silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA f'kull taqsima (hemm 50 mistoqsija b'kollox).**
- **Kull mistoqsija għandha erba' tweġibiet possibbli, imma WAĦDA biss hija korretta.**
- **Niżżel it-tweġibiet fuq l-*Answer Sheet* ipprovduta. Immarka BISS it-tweġiba t-tajba billi tuża l-lapes.**
  **eż. jekk tagħżel it-tweġiba C, imla ċ-ċirku t-tajjeb kif jidher hawn taħt.**

| 50. | Ⓐ Ⓑ ● Ⓓ |
|---|---|

- **Kull mistoqsija fiha żewġ (2) marki.**

## TAQSIMA A

**Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 1 sa 15) li jsegwu:**

Jien u ħija tant konna drajna l-Gudja li l-Birgu konna tista' tgħid insejnieh. L-aċċent baqa' tal-Kottonera, iżda ma bqajniex nitħaddtu bil-"Q" ħierġa mis-saqaf ta' ħalqna. Konna sirna ħaġa waħda mal-ambjent lokali. Konna tgħallimna t-toroq u l-isqaqijiet bl-amment; l-għelieqi ta' min huma b'isimhom, kunjomhom u laqamhom. Minħabba fiċ-ċokon tar-raħal ma kienx hemm persuna li ma konniex nafu. Tant drajna li l-ħolma tagħna kienet li missieri jitħajjar jixtri għalqa ħalli bħat-tfal l-oħra jkollna r-raba' tagħna. Ma kenitx xi ħolma li ma setgħetx isseħħ għax missieri, għalkemm imrobbi l-Birgu u jaħdem għomru kollu t-Tarzna, kellu namra kbira għall-għelieqi. Iżda ma bqajniex noqogħdu hemm għax dak li għalina t-tfal, minkejja l-attakki mill-ajru u l-bombi, kien jidher xalata, għall-kbar kien ta' dwejjaq u li aħna t-tfal qatt ma stajna nifhmu. Illum napprezza xi dwejjaq ġarrbu ommi u missieri, u bħalhom l-oħrajn li mill-kenn u l-kumdità ta' djarhom sabu ruħhom f'naħa oħra ta' Malta bi drawwiet għalihom, biex ma nsemmux il-fatt li sitt familji kienu mrekkna fi ftit kmamar u kuritur.

**Mistoqsijiet**

1. Is-silta hi ambjentata
   a) fil-Birgu.
   b) fil-Belt.
   ċ) fil-Gudja.
   d) fil-Kottonera.

2. "Konna sirna ħaġa waħda mal-ambjent" tfisser
   a) Konna drajna noqogħdu hemm.
   b) Konna biddilna l-ideat tagħna.
   ċ) Konna morna f'raħal ieħor.
   d) Konna xtrajna dar ġdida.



50. Skont int, liema kelma minn dawn taħseb li tiddeskrivi lil Żeppu wara dan li għadda minnu?
   a) ħati
   b) imbikkem
   ċ) diżilluż
   d) irrabjat

20 x 2 marki = **40 marka**

**TOTAL: 100 MARKA**

42. Jekk "xbejba" huwa diminuttiv ta' "xebba", allura dak ta' "triq" huwa:
   a) toroq
   b) triqat
   ċ) trejqa
   d) terraq.

43. L-aktar titlu xieraq għal dis-silta huwa
   a) Id-dnub ma jorqodx
   b) Ir-Randan
   ċ) Id-daqq tal-qniepen
   d) Ġenn l-ewwel Imħabba

44. Xi tfisser il-kelma "sogħba"?
   a) dwejjaq
   b) niket
   ċ) ħasra
   d) bikja

45. Jekk "ibħra" hija plural miksur, liema nom minn dawn t'hawn taħt huwa wkoll plural miksur?
   a) sefturi
   b) baħrin
   ċ) demgħat
   d) qniepen

46. Il-ġrajja tqanqal fil-qarrej:
   a) ħasra
   b) rabja
   ċ) stmerrija
   d) tensjoni

47. Liema minn dawn t'hawn jiddeskrivi lit-tfajla?
   a) fuq ruħha
   b) tal-affari tagħha
   ċ) qarrieqa
   d) ħanina

48. Malli waslu l-ħanut, it-tfajla
   a) laqgħethom.
   b) għamlet tabirruħha li ma rathomx.
   ċ) sthat minnhom.
   d) ma rathomx mill-ewwel.

49. Waħda minn dawn t'hawn hi żbaljata. Liema hi?
   a) Il-baħrin kienu jħobbu l-inkwiet.
   b) It-tfalja għamlet xi żmien seftura.
   ċ) Żeppu kien għadu ma jafx x'tagħti l-ħajja.
   d) Il-ħabib ta' Żeppu kien ikbar minnu fl-età.



3. It-tfal xtaqu li missierhom jixtri
   a) dar.
   b) razzett.
   ċ) villa.
   d) għalqa.

4. Missier it-tfal kien ħaddiem
   a) fl-armata.
   b) fuq il-baħar.
   ċ) ix-xatt.
   d) fit-tarzna.

5. Dil-ġrajja seħħet
   a) fi żmien il-gwerra.
   b) fl-eqqel tas-sajf.
   ċ) fi żmien il-pesta.
   d) fi żmien il-għaks.

6. Il-familji li sabu ruħhom f'naħa oħra ta' Malta kienu jissejħu
   a) turisti
   b) emigranti
   ċ) refuġjati
   d) ġirien

7. Fl-ambjent tar-raħal it-tfal bdew jisimgħu
   a) djalett ġdid.
   b) lingwa ġdida.
   ċ) ħsejjes ġodda.
   d) diskors stramb.

8. Liema kelma tfisser "nitħaddtu"?
   a) ngħannu
   b) ngorru
   ċ) nidħku
   d) nitkellmu

9. "Bini l-ġuħ" tfisser
   a) m'għandi aptit ta' xejn.
   b) ridt nixrob.
   ċ) qabadni l-aptit.
   d) xtaqt nilgħab.

10. X'inhu l-għerq tal-kelma "mrobbi"?
   a) M_R_B
   b) R_B_J
   ċ) R_B_GĦ
   d) M_R_B_J

11. Indika n-nom bi **pronom mehmuż**
   a) insejnihom.
   b) bikrin.
   ċ) għalihom.
   d) djarhom.

12. Liema minn dawn hu **plural miksur**?
   a) sqaqijiet
   b) toroq
   ċ) bombi
   d) attakki

13. L-oppost tal-kelma "twieled" huwa
   a) boloq.
   b) xjieħ.
   ċ) trabba.
   d) miet.

14. Liema minn dawn tinsab f**l-istat kostrutt**?
   a) saqaf ta' ħalqna
   b) djar qrabatna
   ċ) ħaġa waħda
   d) namra kbira

15. Liema minn dawn hija **aġġettiv superlattiv**?
   a) kbira
   b) akbar
   ċ) aktar kbira
   d) l-akbar

15 x 2 marki = **30 marka**

**AQLEB IL-PAĠNA**



34. Liema kelma minn dawn hija aġġettiv?
   a) boqoq
   b) boskijiet
   ċ) ġwejda
   d) xahar

35. Fis-silta li għadek kif qrajt jidher li sieħeb Żeppu kien
   a) mill-Belt.
   b) reliġjuż.
   ċ) jaf il-ħajja.
   d) fidil.

36. "iġġelben" huwa verb. Immarka x'għamla ta' verb hu:
   a) tal-5 forma
   b) kwadrilitteru
   ċ) tal-10 forma
   c) tat-3 forma

37. Il-kelma "werrej" hija
   a) verb
   b) parteċipju
   ċ) diminuttiv
   d) pronom

38. Meta "l-qassis għamillu l-irmied fuq moħħu" kien
   a) il-Ġimgħa
   b) is-Sibt
   ċ) l-Erbgħa
   d) it-Tnejn

39. Liema frażi tagħtik x'tifhem li l-esperjenza li ġarrab Żeppu ħawditu sewwa?
   a) ħass demgħa ġġelben
   b) ma ħallitux isib il-faraġ
   ċ) saħħret għal warajha
   d) jitwarrbu mill-għawġ

40. Min huwa l-Iblah?
   a) Żeppu
   b) Sieħbu
   ċ) Il-Karnival
   d) Il-Baħrin

41. L-għerq tal-verb "tagħżaq" huwa
   a) T_GĦ_Ż_Q
   b) Ż_GĦ_Q
   ċ) GĦ_Ż_Q
   d) T_Ż_Q

## TAQSIMA Ċ

**Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 31 sa 50) li jsegwu:**

Ir-Randan! Il-qniepen imbikkija bdew inikktu qalb iż-żagħżugħ u jfakkruh f'dak kollu li kien għadda minn għalih.

Meta mar għall-quddiesa tal-ewwel, li ma kien ifalli qatt, ħass demgħa ġġelben għal fuq ħaddejh hekk kif il-qassis għamillu l-irmied fuq moħħu: "Trab konna u trab insiru!"
Huwa deherlu li f'dawk il-jumejn kien dineb bi kbir!
Id-daqq tal-qniepen qanqal fih sogħba kbira iżda, avolja dak il-jum kien għażiż għalih, Żeppu ħassu miġbud bl-akbar qawwa lejn dik il-bniedma li, għall-ewwel darba, kienet dewqitu ftit mill-ħlewwiet morri tal-ħajja. U l-qawwa ta' din il-ġibda ġdida li ħass ġo fih ma ħallitux isib il-faraġ u, wara li fetaħ qalbu ma' ħabib tiegħu li kien akbar minnu fiż-żmien u li kien jaħdem fl-ibliet, telaq lejn il-Belt.
Sieħbu kellu seba' mitt sena sakemm ikun jaf min hija dix-xbejba Beltija li kienet saħħret għal warajha lil Żeppu ... u lil mijiet oħra.
U fl-aħħar waslu.

It-triq ma sabuhiex mimlija bin-nies bħall-jiem ta' qabel u, flok Maltin, bdew jaraw għaddejjin il-baħrin erbgħa erbgħa, li fit-tlett ijiem tal-Iblah kienu tbiegħdu mill-ibħra li jdawru l-blat u s-swar tal-gżira sabiħa tagħna biex jitwarrbu mill-għawġ.

Żeppu ttawwal għal ġol-ħanut u b'sebgħu l-werrej urieha lil sieħbu li wieġbu:
"Dik li qiegħda bejn dawk iż-żewġ baħrin? Dik? Qiegħda tagħmel tabirruħha li ma għarfitekx ... dawret wiċċha n-naħa l-oħra. Ma tafhiex lil dik? Dik mir-raħal tagħna: jien nafha tagħżaq! Meta kienet għadha tfajla daħlet seftura f'Tas-Sliema u issa ... issa qiegħda hawn."

**Mistoqsijiet**

31. Mis-silta tieħu l-impressjoni li Żeppu kien
    a) persuna li ma tagħti każ xejn.
    b) jaf il-ħajja.
    ċ) xalatur.
    d) għadu ma jafx x'tagħti l-ħajja.

32. "ħlewwiet morri tal-ħajja " kif użata fis-silta turi li:
    a) il-ħajja sabiħa.
    b) fil-ħajja tiltaqa' biss ma' inkwiet.
    ċ) is-sabiħ tal-ħajja xi drabi jitħallat mal-imrar.
    d) l-ħajja mhux ta' min jgħixha.

33. L-espressjoni "seba' mitt sena" turi li Żeppu
    a) kien fuq ix-xwiek.
    b) kien xiħ sewwa.
    ċ) ma tantx kien mgħaġġel.
    d) kien sarlu l-ħin.



## TAQSIMA B

**Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 16 sa 30) li jsegwu:**

Fl-imgħoddi kienet drawwa li jisparaw il-kanuni bħala salut biex isellmu lil xi ras kbira. Minbarra l-kanuni, f'xi okkażjonijiet speċjali, kien jagħmlu wkoll il-musketterija. Din ma kellhiex x'taqsam ma' dik li nafu aħna llum li tiġi sparata nhar il-festa fi ħruġ il-vara. Tal-antik kienet aktar tixbah lil salut bl-ixkubetti. Din id-drawwa għadha ħajja llum bis-saħħa tas-salut li xi drabi jagħtu s-suldati tal-armata f'xi okkażjoni jew parata speċjali. Imma qabel, fi żmien il-ħakma Ingliża, meta kienet toħroġ il-vara tal-qaddis, in-nies tas-servizzi kienu spiss jisparaw kanun jew musketterija bl-ixkubetti tagħhom bħala tislima jew salut biex ikomplu mal-briju tal-Maltin miġbura fuq iz-zuntier. Din id-drawwa malajr ingħoġbot mill-Maltin li waslu biex ħolqu sistema ta' musketterija bl-użu ta' dawk li bdew jissejħu maskli.

Dawn il-maskli kienu blokki tawwalin tal-ħadid b'toqba fin-nofs għall-porvli. Kien ikollhom ukoll toqba oħra tinfed mill-ġenb għall-miċċa. Fil-festi tal-irħula kien jitqabbad kuntrattur biex jipprovdihom u jarmahom fl-art fil-qrib tal-knisja jew f'xi post ieħor li minnu tkun ser tgħaddi l-purċissjoni bil-vara titulari. Dakinhar li jkunu ser jinħarqu, filgħodu kmieni kien jgħaddi raġel jimlihom waħda waħda bil-porvli. Wara kien iqegħidhom ħdejn xulxin u jferrex serbut trab tal-porvli minn magħhom biex meta jtihom in-nar jisparaw wieħed wieħed u jinstemgħu qishom musketterija. Il-maskli kont issibhom f'qisien differenti u kien hemm dawk kbar li kienu jagħmlu ħoss ta' murtali.

**Mistoqsijiet**

16. Il-frażi **ras kbira** kif użata fis-silta tfisser
    a) persuna qasira imma rasha kbira.
    b) persuna importanti u mlaħħqa.
    ċ) persuna twila u rasha kbira.
    d) persuna serja u ma tiċċajtax magħha.

17. Frażi li qiegħda fl-**istat kostrutt** hija
    a) ħruġ il-vara.
    b) fl-imgħoddi.
    ċ) bħala salut.
    d) għadha ħajja.

18. Kelma oħra li tfisser l-istess bħal **nhar** hija
    a) siegħa.
    b) xahar.
    ċ) jum.
    d) sena.

19. Fi żmien l-Ingliżi, is-suldati kienu jipparteċipaw fil-festi tal-Maltin billi
    a) jżommu l-ordni u jaraw li ma jinqalax ġlied.
    b) jqassmu l-ikel lil min ma kellux.
    ċ) jerfgħu l-istatwa fil-purċissjoni.
    d) jisparaw is-salut bl-ixkubetti tagħhom.

20. Il-plural ta' **drawwa** huwa
   a) drawwiet.
   b) drawwit.
   ċ) drawiet.
   d) drawwi.

21. Il-pronom fil-frażi **dik li nafu llum** huwa
   a) dik.
   b) li.
   ċ) nafu.
   d) llum.

22. L-armar tal-musketterija għall-festa fl-antik kien f'idejn
   a) il-kappillan.
   b) is-servizzi Ingliżi.
   ċ) kuntrattur privat.
   d) ir-raħal kollu.

23. L-għerq tal-verb **tinfed** huwa
   a) N_F_D
   b) T_N_F_
   ċ) F_N_T_D
   d) T_N_F_D

24. Immarka l-kelma li hija **verb bil-pronom mehmuż** minn dawn:
   a) okkażjonijiet.
   b) jarmahom.
   ċ) jinstemgħu.
   d) għadha.

25. Il-kelma Maltija li ġejja mit-Taljan hija
   a) jipprovdihom.
   b) tgħaddi.
   ċ) jferrex.
   d) issibhom.

26. Il-kelma **toqba** hija
   a) fil-plural.
   b) fis-singular.
   ċ) fil-kollettiv.
   d) fl-għadd imtenni.

27. Il-frażi **serbut trab tal-porvli** tfisser linja
   a) dritta u sħiħa.
   b) mgħawġa u maqtugħa.
   ċ) maqtugħa biċċa biċċa.
   d) doppja u għat-tond.



28. Kieku kelli nikteb **9 maskli**, irrid niktibha
   a) disa maskli.
   b) disgħa maskli.
   ċ) disa' maskli.
   d) disagħ maskli.

29. Agħżel minn dawn t'hawn taħt is-sentenza li **mhijiex tajba**:
   a) Il-maskli kienu kollha ta' daqs wieħed.
   b) Il-maskli kienu jimtlew bil-porvli.
   ċ) Il-maskli kienu jisparaw wara xulxin.
   d) Il-maskli kienu blokki tal-ħadid.

30. Jekk minn **ġabar** nagħmlu **miġbur**, minn **sema'** nagħmlu
   a) semmiegħ.
   b) msemmi.
   ċ) semma'.
   d) mismugħ.

15 x 2 marki = **30 marka**

**AQLEB IL-PAĠNA**